*Għext il-Mandraġġ (2)*

# Ġirien Bieb ma' Bieb, u Ħbieb ma' Ħbieb



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**Illum meta ngħaddi mit-toroq ta' tfuliti nħoss dieqa kbira nara d-djar żdingati. Hemm isaltan is-skiet taċ-Ċimiterju. Jekk iżżur iċ-Ċimiterju tal-Barmil fix-xahar ta' Novembru tara r-ritratti ta' bosta nies li kienu jgħixu hawn. Niftakar li meta konna għadna bil-lampa tal-pitrolju kien ikun hawn ħafna dellijiet. Għalhekk konna nibżgħu mill-babaw. Darba ġie wieħed Babaw id-dar, ġie biex isewwielna t-tieqa. Talabna nsibulu biċċtejn injama għax hu ma kellux injam. Sibnielu biċċtejn injama tal-kaxxi. Ommi għamlitlu tazza kafè u wara ftit reġa' talabha tazza kafè oħra għax kien kiel il-bakkaljaw u għamillu l-għatx.**



*Tliet Ġenerazzjonijiet*

Meta ngħaddi minn quddiem il-bibien niftakar fil-ħbieb l-antiki li ġew qabilna u għalhekk diġà telqu. Fit-tarf tat-triq ħdejn il-knisja ta' Savina kien joqgħod **Ġużepp Magro li flimkien ma' ħuh Manwel** beda l-kumpanija *Magro*. Fis-sajf kien ikun hemm ħafna xogħol għax-xebbiet tal-inħawi. Meta kienet iddoqq is-suffara tal-istim, ħafna nies kienu jmorru l-fabbrika f' *Ta' Taħt ix-Xkora* ħalli jixtru l-qxur u ż-żerriegħa tat-tadam biex iħalltuh mas-smida għat-tiġieġ. Iċ-ċumnija tal-fabbrika kienet iddaħħan u kulħadd kien bilgħri jitla' fuq il-bejt biex jaqla' l-ħwejjeġ ħalli ma jitgermdux. Huma kienu jbiegħu l-għalf għall-bhejjem bħal ful, qamħ, qamħirrun u pressat. L-għors tagħna kien li mmorru niġbru strixxi tal-landa li jifdal meta jaħdmu l-landi tal-kunserva. Bihom konna nagħmlu xwabel u elmijiet. **Victor Spiteri**, li wara laħaq għalliem tal-arti fl-iskejjel u llum pittur u ċeramista magħruf, kien l-aqwa mgħallem biex jaħdem elmi u kurazzi. Nhar l-istrina konna mmorru wara l-bieb ta' Ġużepp fejn kien ikollu l-flus imsarrfa fuq mejda u jibda jqassamhom lit-tfal tat-triq tagħna. Il-kbar kienu jieħdu d-doppju. It-tfal ta' Ġużepp kienu jilagħbu magħna. Konna ninnotaw li meta mmorru nixtru, huma kien ikollhom sikspens u jixtru ċikkulata u aħna bi tliet soldi nixtru wafer. Ġugarelli kellhom dawk li jħobbu jagħmlu t-tfal. Niftakar li Ġanni kien ħadem trakk tal-ħadid imdaqqas biex jilgħab bih. Id-dar kienu waqqgħuha u bnewha mill-ġdid.

Bieb ma' bieb ma' Magro hemm dar b'irħama ċkejkna li twaħħlet fuq id-dar fejn twieled il-filologu **Ninu Cremona**. Hu għamel snin twal jgħix f'Malta biss l-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom fid-dar ċkejkna li għandha niċċa tal-Kunċizzjoni. Hu kien bniedem ta' waħdu u qatt ma kelli ċ-ċans inkellmu.Kien ikun It-Tokk u mbagħad imur il-knisja ta' Savina. Malta tellgħu *Il-Fidwa tal-Bdiewa* u wara fis-sajf tellgħuha fiċ-Ċittadella ħdejn l-arloġġ il-



*Ir-Rosebells*


*In-Nanna*

qadim. Ħasra li kien hemm attendenza fqira. Meta miet kellu funeral modest ħafna. Jien kont mort għall-funeral tiegħu u stennejt li ser ikun hemm aktar nies. Ftit kienu jafu li dak ir-raġel xiħ kien raġel għaref. Hu ingħata d-dottorat *honoris causa*. Kien xieraq li sarlu monument viċin l-Iskola Sekondarja msemmija għalih. Kull sena Pawlu Mizzi ta' Klabb Kotba Maltin u Karmena Micallef kienu jqegħdu kuruna tar-rand quddiem dan il-monument.

Il-fontana li turi l-arma t'Għawdex u denfil jarmi lilma ħadimha s-Sur **Nenu Grech**, meta kien għadu għalliem tal-arti fl-iskola sekondarja. Hu ġie joqgħod f'dar taħt Savina. Hu ħadem statwa tas-Salvatur biex titqiegħed fuq l-għolja tas-Salvatur. Din ħadet xi snin biex tqegħdet fejn tinsab illum fuq l-għolja tal-Merżuq f'Marsalforn. Hu ddisinja s-soqfa tal-Mużew tal-Katidral, tas-sala tal-Każin Imnarja tan-Nadur u tat-teatru Awrora tar-Rabat.

Fid-dar tan-niċċa ta' Santa Marija kien joqgħod **Ċensu Cordina** li pitter kwadri ta' veduti lokali u xi qaddisin fosthom il-ħarba ta' San Ġużepp lejn l-Eġittu f' San Ġużepp il-Qadim fiċ-Ċittadella. Bil-lapes hu ħażżeż xi karattri minn dawn l-inħawi. Kien iħobb jirregalahom lil xi speċjalisti tal-għajnejn. Hu kien jgħidli li kien imur


*Ċensu*

ix-Xagħra bil-mixi u fix-xemx biex jara l-pittur Robert Caruana Dingli jpitter il-lunetti li llum jinsabu fis-sagristija tal-knisja. Ċensu kien jinnota ċerti dettalji fil-pitturi tal-knejjes bħal kunjom miktub bil-maqlub fuq denb ix-xitan li hemm taħt San Mikiel fil-Fontana. Għandi żewġ disinji li jfakkruni f'kemm kien jgħidli li dejjem xtaq jagħmel kors fl-arti Ruma fejn kellu oħtu soru tal-Karità. Meta kien imur Ruma ma' **ħuħ Ġużepp u zijuh l-Arċidjaknu** kien jipprova jisfrattaha minn soru ħalli tmur lura Għawdex u tieħu ħsiebhom. Niftakarha ftit meta kienet tiġi għall-vaganzi tas-sajf. Kellhom seftura toqgħod magħhom it-twajba Ġużeppa mill-Għarb. Din saret qisha z-zija tagħhom. L-aħħar snin tagħha għaddiethom l-Għarb għand niesha.

L-aħwa Cordina flimkien mal-klikka tiegħu taw sehem kbir fil-qasam tal-palk fiż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer. Kienu jagħmlu attivitajiet teatrali fl-iskola primarja tal-Vajringa. Ix-xenarju u l-irtokk kienu f'idejn Ċensu u l-makkjetti kienu l-kitba ta' ħuh Ġużepp. Ċensu kien nervuż, biss wara li jeqred waħda kien jgħid ċajta qisu biex ibiddel il-burdata tiegħu stess. Ċensu kien jgħaddi ħafna ħin ipitter xeni għall-għaqda teatrali ta' San Lawrenz.

Għandi ritratt ta' Ċensu jidderieġi orkestra żgħira. Kien jaf idoqq il-kitarra u l-mandolina. Hu għallem il-kitarra lil **Toni t-Tulitta**, għannej ieħor minn triqitna. Toni żżewweġ lin-neputija ta' **Fredu l-Leverist**. Jekk is-Sur Nin kiteb il-poeżija, Fredu Spiteri għanniha. Il-Leverest, kif kien magħruf minn kulħadd, kien bniedem ċajtier u ferrieħi. Il-lejliet ta' għana u l-wirjiet fuq il-palk ta' l-Oratorju ma jintesewx. Nista' ngħid li hu kien is-Sultan tal-Karnival u għalija kien Domenico Modugno ieħor. Ħutu kienu jgħannu waqt li jagħmlu l-faċendi u kont nieħu gost nismagħhom. Kont iltqajt ma' Fredu u kellimtu u xi jumejn wara ġriet l-aħbar li miet f'inċident tat-traffiku nhar it-13 ta' Novembru 1965. Dwar Fredu jista' jinkiteb ktieb sħiħ. Fl-istess sqaq tal-Leverist kien joqgħod **Peppu n-Nessu**. Hu kellu argunett tal-idejn u kien iħobb idoqqu fis-satra tad-dar. Kellu ħmara u xi drabi kien iħallina nirkbu fuq il-karettun. Fid-dar tiegħu kellu kamra tal-ġbejniet. Din kienet kamra żgħira bi xquq wesgħin u miftuħin qishom irwiewaħ dojoq fejn kienu jnixxfu l-ġbejniet [2].

Issa nkomplu fuq il-mużika.Il-kantant **Dumink Grech** kien wieħed mill-perċimes tan-naħa tagħna. Hu kien il-mexxej ta' grupp mużikali *Gemini V* li xi snin wara '*The Tramps*'. Dumink beda l-karriera tiegħu bħala kantant mill-kumitat tat-teatru tal-Forn fejn inħoloq l-ewwel kwartett vokali li jismu "*The Rosebells*". Dan kien iffurmat minn Duminku, **ħuh Fredu, Ġużeppi ta' Ketutu u Joey Zammit, tal-Karlina**, tifel minn wara San Franġisk. Kien żmien ta' *The Beatles*. Dumink kien tela' l-Ingilterra u kompla fil-karriera mużikali. Dumink kellu karriera mużikali sabiħa u d-diski tiegħu bħal *Xemx* u *Għawdex int Djamant* baqgħu popolari. Dumink żar bosta pajjiżi flimkien mal-grupp tiegħu u għamlilna ġieħ.

F'ras il-Mandraġġ għadda l-aħħar snin ta' ħajtu s-**Surmast Anton Bonnici** assistent surmast tal-Banda Leone u l-ewwel surmast tal-Banda Mnarja tan-Nadur. Hu



*L-Għonnella*

kien dejjem jisma' l-mużika klassika u jidderieġi fl-istess ħin. Il-ġirien kien ikollhom jisimgħu l-mużika klassika huma ukoll.

Għall-antiki, qassis fi triqtek hija barka. Allura n-naħa tagħna ma tonqosniex din il-barka. Lill-**Arċidjaknu Cordina**, bniedem qsajjar, iżda xorta laħaq it-tielet dinjità Għawdxija, diġà semmejnih. Hemm **Mons. Mikiel Grech**, tal-Lilla, li għamel xi snin kappillan tal-Fontana u wara ġie joqgħod il-Mandraġġ. Kellna lil **Dun Mikiel Borg**, tax-Xewwief, ċeremonier ta' l-Isqof Ġużeppi Pace. Dan kien magħruf għax twajjeb u ħalliena xi snin ilu. Fil-vaganzi tas-sajf kien jiġi jżurna **Patri ta' Ġieżu Tarċisju Xerri** tan-Nenċ. Hu xerred id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sukkors f'Villambroża, Malta.

Wara li mietu dawn laħqu oħrajn iżgħar. Hemm **Dun Vincent Pavia** li għamel żmien imsiefer Ruma, imma l-karattru li sawwar hawn, baqa' miegħu. Hawn **Dun Manwel Magro** li jgħallem l-Università u **Dun Manwel Buttiġieġ** li jservi bi ħġaru l-Bażilka ta' San Ġorġ. Ruma għandna lil **Fra Ġorġ Grech** li għażel il-ħemda tal-monasteru tat-Trappisti qrib Fraskati. L-ajruplani biss jiksrulhom dik il-ħemda qaddisa. Fra Ġorġ għandu żewġ ħutu sorijiet Dumnikani.

Fil-qasam tal-ġurnaliżmu għandna lil **Charles Spiteri** u lil **Pawlu Żahra**. Charlie kien xewka għal-Laburisti u niggieża għan-Nazzjonalisti biex iqumu minn ngħas l-aktar fejn jidħol Għawdex. Hu għaqqad il-ħaddiema u l-istudenti Għawdxin f'Malta, u kien fetaħ żewġt idjar għalihom. Pawlu huwa kittieb ta' xi drammi u ta' ħsus il-qalb. **Grezzju Grech** ġabar bosta tagħrif dwar il-baned u l-orkestri f'Għawdex.

Il-klikka anzjani li jiltaqgħu fi Pjazza Sabina huma ħelwin ħafna, l-aktar meta jibdew iħarrfu. Fosthom insemmi lil **Salvu ta' Terna**, dejjem jaqra, lil **Toni il-Baqri**, **l-aħwa ta' Fissa**: **Minku**, **Toni**, **Ġorġi**, **Salvu**, **Peppu** u **Marija**. Niftakar lil Toni jurini s-satelliti fis-sema u jgħidilna fuq il-kriżi bejn l-Amerikani u r-Russi minħabba l-kriżi ta' Kuba. Marija kienet ir-ruħ twajba dejjem lesta biex tgħin u tagħti xi parir.Irrid insellem lil **Peppu ċ-Ċillogru** li dar ħafna b'ħutu. Hu kien jaħdem il-forn. L-aħħar snin għaddihom fit-tieqa ċkejkna li kellu, jsellem lil kulħadd. Fuq iċ-ċint filgħoli kien irnexxielu jkabbar il-ful li kien jagħmel ħafna mżiewed. L-aħħar xewqa tiegħu kienet li nixtrulu mqass kbir minn Malta. Xi ħmistax wara qaluli li kien ħalliena. Meta tħares lejn id-djar tistħajjel bosta ġirien ħerġin minn dawk il-bibien.

Il-klieb malajr jgħarrfuk bil-wasla ta' xi ħadd barrani. It-turisti jitgħaxxqu jaraw dawk it-toroq dejqa u l-isqaqien. Għall-festa ta' San Ġorġ u ta' Santa Marija kienu jħobbu jiġu xi Maltin biż-żwiemel biex itellquhom nhar il-festa u jqattgħu l-lejl in-naħa tagħna, fejn isibu kenn għalihom u għaż-żwiemel ukoll. Xi drabi kienu jiġu xi suldati Ingliżi meta kienu jiġu jikkampjaw fuq ta' Dbieġi. Darba ngħbarna fi Pjazza Savina kulħadd iħares lejn is-sema għax kien hemm lwien differenti jilmgħu fid-dalma tal-lejla. Kienu qalu li kienu tal-manuvri tas-suldati. Għal xi żmien kien jiġi Fredu li jbigħ minn kollox li baqa' magħruf għal *sikspens kaxxa blades*. Hu kien ħabib ħafna tal-klieb sakemm darba mar iżiegħel b'kelb u id Fredu spiċċat f'ħalq il-kelb. Xwejjaħ ieħor li ġie joqgħod in-naħa tagħna huwa **Ruman minn Wara t'Għammar**. Ħdejna ġie joqgħod wieħed li kien ilu erbgħin sena msiefer l-Amerika. Hu kien staħba fuq vapur u ddendel taħt ferrovija biex jivvjaġġa. Konna naħsbu li l-bagalja li kellu kienet mimlija dollari Amerikani.

Kull min kien jiġi l-Mandraġġ kien iħossu milqugħ. Aħna malajr konna nduru miegħu u naraw għandux bżonn xi ħaġa ħalli naqilgħu xi sold.

[1] Aquilina, J., **Maltese - English Dictionary**, Midsea Books Ltd., 1990, p.776. 1. Slummy area. (topon.) Il- _ Historically this was the name of the inner harbour in Valletta which was pulled down and replaced with blocks of modern flats in 1947. [VG] It is also the place-name of a district in Victoria, Gozo, in St. Mary's Street reached from Savina Square, and [id] name of a district in Marsalforn part of the street known as Il-Qbajjar and Triq il-Forn…

[2] Attard, Anton F., **Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi**, l-Ewwel Ktieb, Għawdex, 1991, p8-9.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31